# L-Istatwa tal-Fidda ta' San Filep



*Ġrajja li ħadet madwar erba' snin u nofs sabiex seħħet, mill-ġbir, ħidma, sat-tberik, wasla u dħul trijonfali fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ*



**Philip Agius**



## Daħla

F'mumenti hekk sbieħ li jqajmu l-interess u l-entużjażmu tal-festa, illum hu tajjeb li nsellmu liż-Żebbuġin ta' kull żmien. Il-poplu Żebbuġi wettaq xhieda ma taqta' xejn matul il-meddiet tas-snin fejn wera mħabba tbaqbaq ġo fih lejn il-qaddis protettur tiegħu San Filippu t'Aġġira u lejn il-knisja maħtura lilu f'Ħaż-Żebbuġ. Il-binja tal-knisja arċipretali ta' San Filep, bl-arkitettura, l-pittura, l-iskultura barokka, xogħol mill-aqwa tal-injam u rħam hija xhieda ħajja ta' mħabbet iż-Żebbuġin. Imbagħad meta tilbes il-libsa tal-festa jispikkaw l-opri artistiċi tal-fidda, id-damask, il-linef, id-drapp irrakkmat u bosta affarijiet oħra li bihom tintrama.

Il-festa ta' San Filep tas-sena 1863 hi mmarkata bħala l-aħħar festa ċċelebrata mingħajr statwa. Bħal kull festa oħra ad unur San Filep fis-snin ta' qabel, ma setax jonqos li issa li kien ilhom tliet snin u nofs jiġbru għall-istatwa tal-fidda, iż-Żebbuġin ikomplu juru mħabbithom għal din il-festa titulari, li kien qed jieħu ħsiebha l-prokuratur Dun Tommaso Debono.

Id-data tad-29 ta' Lulju tal-1863 għandha tifsira speċjali għall-Belt Żebbuġija għax dakinhar waslet l-istatwa maestuża tant mistennija. Issa li għaddew mija u ħamsin sena minn din il-ġrajja, aħna għadna nħossuna kburin biha. Nagħmlu tajjeb li niftakru u nfakkru s-sagrifiċċji li saru, il-qtigħ il-qalb li għaddew minnu, il-beżgħat, l-inkwiet li ġab miegħu dan il-proġett kbir u uniku għal Malta, sakemm seħħ b'suċċess. Irnexxa bil-kontribut ta' kulħadd. Minn fost il-poplu kemm dawk tat-tajjeb u kemm il-batuti kkontribwew skont il-mezzi tagħhom, il-prokuratur mexxa 'l quddiem il-proġett bis-support tal-arċipriet u l-kleru.

## Il-ġbir

Sa mill-1859 f'Ħaż-Żebbuġ kienet tinħass ħeġġa ġdida. L-Arċipriet Dun Tumas Naudi u l-Kleru Żebbuġi ma damux wisq ma bdew imexxuha li kien wasal iż-żmien li jkollna statwa ta' San Filep. Meta dan il-kliem sar uffiċjali ġol-knisja, il-poplu beda jieħdu aktar bis-serjetà. Fuq iz-zuntier u madwar is-salib tal-pjazza d-diskors kien idur fuq din il-proposta. Ix-xewqa kibret u xxettlet fi qlub iż-Żebbuġin li huma wkoll ikollhom statwa sabiħa tat-titular. Kien hemm min beda jgħid li Ħaż-Żebbuġ kien jixraqlu statwa isbaħ minn ta' rħula oħra li kien diġà għandhom statwa. Dan kien ifisser aktar spejjes u aktar uġigħ ta' ras għal min kien se jintriga. Diskors sar ħafna, nħolqu fehmiet differenti u d-diskussjonijiet twalu. Kien hemm

min beżża' u ħabat jaqta' l-qlub. Kien jonqos li xi ħadd irabbi l-kuraġġ u jagħmel l-ewwel pass.

Fl-aħħar sar l-ewwel pass fil-15 ta' Jannar 1860. Beda l-ġbir uffiċjalment mill-parroċċa biex issir statwa. Imma kien għad mhux deċiż jekk issirx tal-injam jew xi ħaġ'oħra. Għax kien hemm min azzarda jipproponi li ssir tal-fidda! Bosta għoġbithom l-idea ta' statwa tal-fidda imma rawha diffiċli wisq li jinġabru daqstant flus. Fl-ewwel arbural Dun Salv Trevisan kiteb li l-għotja kienet għall-istatwa ta' San Filep tal-injam jew tal-fidda – skont il-fondi.[1] Is-Sindku Salvatore Mifsud u l-Arċipriet Tumas Naudi kienu minn tal-ewwel li nkitbu ... u wegħdu £10 kull wieħed bil-patt li l-istatwa tkun tal-fidda u xejn aktar[2]. Bħalhom għamlu almenu erba' oħra, Dun Salv Trevisan, Dun Ġio Maria Tabone, Dun Filippo Tabone, Dun Salv Ciappara, is-Sur Pawlu Buttiġieġ kif jidher fil-Ktieb tal-Kontribuzzjonijiet li għandha l-Parroċċa. L-arbular qabeż it-£310.10s. Sar ieħor li ġabar £143.16s. It-tielet £58.3s u r-raba' £71.7s. Dan il-ġbir għamel kuraġġ lill-prokuratur u l-kumitat li kien ġabar madwaru u qatgħuha li ssir tal-fidda u li jqabbdu artisti mill-aqwa f'Ruma jew Lyon (fi Franza).

Intgħażel iż-żagħżugħ Luigi Fontana, ċesellatur u pittur, ġa stabbilit fil-*bottega* ta' Tommaso Minardi f'Ruma, sabiex jiddisinja u jeżegwixxi din l-opra. Biex jgħinuh u jissorveljaw il-proġett mill-aspett artistiku ħatru lill-Professur Frederick Overbech[3] u lill-istess Tommaso Minardi, l-imgħallem ta' Fontana. Meta sar id-disinn tal-istatwa u dan intgħoġob, tfassal il-pjan flimkien mal-aġent Emmanuele Cortis u ntgħażlu tnax-il deputat li ntrabtu li jsellfu l-flus li jkun jonqos ħalli l-pjan jitwettaq malajr u bla ntoppi. Dan wegħduh bil-patt li jieħdu flushom lura ftit ftit.

Il-kumitat ħaseb u ra li jkompli jinvolvi l-poplu billi jdur għal drawwiet oħra tradizzjonali ta' ġbir li kienu popolari f'dak iż-żmien. Saru kaxxi tal-ġbir u tqassmu fost in-nies tas-snajja bħan-nissieġa u l-bennejja. Minn fost dawn il-ħaddiema nġabru £105.13s. Ammont ieħor inġabar billi tqassmu l-flieles biex jitrabbew u meta jikbru kienu jingħataw lura lill-kumitat biex jinbiegħu jew jittellgħu lotterija. Jekk min irabbihom ried iżommhom kien iħallas bħallikieku kien qed jixtrihom. Minn dawn it-tjur daħlu £66.16s. Kienet ukoll id-drawwa li fi żmien il-ħsad il-bdiewa kienu jagħtu ftit qamħ jew qoton lill-knisja. Mill-għotjiet tal-bdiewa daħlu £44.3s.

U meta l-istatwa kienet lesta, fit-2 t'Awwissu 1863 tqegħdet għal erbgħin ġimgħa fil-kappella tal-Anġli fejn il-poplu seta' jaraha sat-8 ta' Mejju 1864 meta ttieħdet proċessjonalment sal-parroċċa għall-festa. Tpoġġa plattin quddiema għall-għotjiet li minnhom inġabru £58.8s. Kienu offruti wkoll xema' li ħallew £4.7s.[4] Kollox sar bil-għaqal, bi ħsieb u b'mod organizzat, fid-dettal u bla tħarbit. Saħansitra l-kaxxa tal-injam li fiha nġarret l-istatwa żarmatha nbiegħat għal għaxar skudi u sitt tari. Anki t-tiben tal-ippakjar inbiegħ u ħalla skud u sitt tari waqt li tmien tari oħra ġew mit-tila ta' madwar il-kaxxa u l-kartun li ġew fih is-santi.[5] Dawn is-santi tal-istatwa saru l-Italja u mill-bejgħ tagħhom daħlu £48.8s.

Id-deputati kienu Salv Zammit, ċertu Scerri, Ġio Maria Mifsud, Ġio Battista Attard, Ġiovanni Taliana, Dun Salv Trevisan, Francesco Agius, Antonio Ciappara Delicata, Dun Salv Ciappara, Ġiuseppe Zammit Said, Pawlu Bonavia u Filippo Abela. Fost dawn, l-ewwel ħamsa wegħdu u silfu £10, l-erba' li jmiss fil-lista wegħdu £25 u silfu £15, waqt li l-aħħar tlieta wegħdu £50 u silfu £15. Jiġifieri bejniethom dawn id-deputati fil-fatt silfu £155.[6] Fost id-deputati kien inqala' xi daqxejn ta' tilwim. Wieħed minnhom, Filippo Abela fid-9 ta' Settembru talab lura l-flus li kien silef[7] u rriżenja minn deputat. Minfloku daħal minnufih

Pawlu Bonavia li silef il-flus li kien ħareġ Abela u talab irċevuta. Meta wasal il-waqt li d-deputati jieħdu lura l-flus li silfu, kien hemm fosthom min ħalla parti milli kellu jieħu bħala għotja, tant kemm ferħu bil-ġmiel tal-istatwa. Salv Zammit u Ġio Maria Mifsud ħallew £4 kull wieħed, Antonio Ciappara Delicata, Dun Salv Ciappara u Ġiuseppe Zammit Said taw £5 u Dun Salv Trevisan £10 (barra li kien ukoll ta £20 f'alburali u darb'oħra £4.0s11d[8]). It-total tal-ġbir laħaq is-somma ta' £945.9s, inklużi l-għotjiet tad-deputati. Sa fejn hu magħruf darba biss il-kumitat ġie bżonn il-flus u ma kellux biżżejjed u allura kellu jdur għall-flus tad-deputati. Dan ġara meta sar l-aħħar ħlas lil Fontana fit-23 ta' Lulju 1863.

Biex napprezzaw il-valur ta' dawn il-flejjes tajjeb nikkunsidraw li dak iż-żmien paga ta' *labourer* mal-gvern kienet ta' £20 fis-sena, barbier kellu £25 u l-assistent tiegħu kellu £15[9]. Illum *labourer* mal-gvern jaqla' €11,850[10] fis-sena. Mela l-flus li silfu d-deputati llum kienu jiswew €91,837.5 u l-ġbir mill-poplu li kien jammonta għal £945.9s jsarrfu aktar minn nofs miljun Ewro[11] tal-lum.

## Dokument mill-Arċipriet Borg

Marbut mill-qrib ma' dan il-ġbir hija ittra li l-Arċipriet Francesco Borg ħass li kellu jibgħat lill-Għaqda tal-Banda San Filep biex irodd ħajr għall-ħidma li l-membri tagħha wettqu biex jgħinu fil-ġbir ta' flus għall-istatwa tal-fidda ta' San Filep. L-ittra mibgħuta fit-3 t'April 1864, hija miktuba bit-Taljan, kif kienet l-użanza fost in-nies professjonali dak iż-żmien u tgħid hekk: "**Alla Soc. Della Banda San Filippo, in segno di rispetto e di stima per il lavoro fatto dai membri della stessa società durante la raccolta per la Statua Artistica D'argento di San Filippo**." Iffirmata: "**Arc. Sac. Francesco Borg**" u datata "**3 Aprile 1864**."

Dan id-dokument li meta sar kien sempliċi ittra ta' ringrazzjament, illum sar għandu importanza ferm ikbar. Dan għaliex jagħti xhieda li matul il-perjodu bejn il-bidu tal-1860 u l-1864 meta sar il-ġbir ta' flus għall-istatwa, il-Banda San Filep kellha s-soċjetà tagħha li kienet attiva ħafna fil-ħajja soċjali ta' Ħaż-Żebbuġ.

## Tliet Persunaġġi

Hemm tliet persunaġġi li ħallew il-marka tagħhom fil-ġrajja tal-istatwa tal-fidda ta' San Filep mindu nbdiet uffiċjalment fil-15 ta' Jannar 1860 f'Ħaż-Żebbuġ, tkompliet f'Ruma u ntemmet fit-8 ta' Mejju 1864 f'Ħaż-Żebbuġ. Dawn huma s-Saċerdot Salvatore Trevisan, l-Artist Luigi Fontana u l-Papa Piju IX. Ta' min naraw ftit min kienu dawn it-tlett protagonisti li rabtu isimhom mal-istatwa ta' San Filep li ngħożżuha bħala wirt artistiku nazzjonali li aħna ż-Żebbuġin tant inħossuna kburin biha. Sa minn meta waslet fid-29 ta' Lulju 1863, il-poplu Żebbuġi rabat qalbu ma' dan il-kapulavur u mija u ħamsin sena wara għadu jitgħaxxaq biha u jqisha bħala s-simbolu tiegħu.

## Dun Salv Trevisan

Mill-kotba tal-Knisja Arċipretali ta' San Filep, Dun Salv Trevisan joħroġ jidher bħala bniedem responsabbli u ta' ħila li għalhekk ġie fdat bil-prokura ta' dan il-proġett kbir u mportanti. Huwa ta prova tal-ħila tiegħu mill-mod kif flimkien ma' oħrajn[12] ipprepara u wettaq pjan għal ġbir li bħalu r-raħal ma kienx ra sa mill-bini tal-knisja nnifisha. Dun Salv daħal għal din ir-responsabbiltà b'serjetà u kuraġġ kbir. Dan deher ċar sa mill-bidu tal-ġbir meta kien għad mhux deċiż jekk l-istatwa kinetx se ssir tal-fidda u bil-mod kif kiteb

l-appell għall-ġbir[13] kebbes il-ħeġġa fost iż-Żebbuġin. Kompla wrieh bl-inizjattivi li ħa f'waqthom u bla telf ta' żmien biex titwettaq il-ħolma tal-maġġoranza taż-Żebbuġin anke jekk kien hemm ix-xettiċi li kienu jibżgħu minn dan il-proġett. U meta nqalgħu ntoppi mhux mistennija u l-iskultur Fontana ttardja ma beda x-xogħol u kien hemm dubji serji jekk kienx fil-fatt se jagħmel l-istatwa jew le, Trevisan għamel ħiltu biex jipperswadih li jwettaq il-proġett li daħal għalih. Mill-korrispondenza li għaddiet bejniethom jidher li din ma kienetx ħaġa faċli, u Trevisan għandu mertu kbir li wara kollox ġie żewġ. Kif iddikjara hu stess, Trevisan baqa' fost l-aħħar ħdax-il deputat sakemm l-istatwa ġiet konsenjata lill-knisja. U minbarra l-kontribuzzjonijiet diġà msemmija għamel ħafna xogħol u ġiri bla ebda ħlas[14]. Fost iż-Żebbuġin kien hawn xniegħa li Luigi Fontana kien ta l-abbozz tal-istatwa lil Dun Salv Trevisan. Din tidher ħaġa loġika għax Fontana lilu kien jaf bħala l-bniedem responsabbli. Kulħadd kien jaċċetta li din l-għotja kienet f'lokha għax bħala l-mexxej tal-ħidma kien jixraqlu dan l-unur.[15]

Salv Trevisan twieled Ħaż-Żebbuġ fl-20 ta' Diċembru 1810, minn Duminku u Anna mwielda Ciantar. F'żgħożitu mar joqgħod il-Belt Valletta biex ikun jista jkompli bl-istudji tiegħu għal-lawrja J.U.D. Ġietu l-vokazzjoni u daħal is-seminarju biex ikompli jistudja. Qaddes fil-21 ta' Diċembru 1833 u rritorna Ħaż-Żebbuġ fejn jidher li kien attiv ferm fl-amministrazzjoni tal-parroċċa. Kien Prokuraur tal-Legati tal-Lampa, ħadem bis-sħiħ biex sar l-apparat tal-Canovazzo d'oro[16] fl-1838 u kien il-mexxej ewlieni biex saret l-istatwa tal-fidda ta' San Filep. Huwa ta diversi rigali prezzjużi lill-Knisja Parrokjali, fosthom salib tal-fidda li jintrama fuq il-ġirandola tal-artal maġġur fil-jiem tal-festa ta' San Filep. Kien ħalla somma ta' £100[17] għall-irħam tal-korsija tal-knisja. Lill-knisja ħallielha wkoll pjaneta sabiħa mbrokkata u l-kappa tal-ħarir bi fjuri żgħar li skont ma kienu jgħidu qassisin li kienu jafuh, kienet magħmula mid-dublett t'ommu[18] – u allura baqgħet tifkira tagħha wkoll. Dun Salv Trevisan miet fit-22 t'April 1896 u ndifen fil-Knisja Arċipretali ta' Belt twelidu Ħaż-Żebbuġ, li tant kien iħobb.

## Luigi Fontana

Twieled fir-raħal żgħir ta' Monte San Pietrangeli (Monsapietrangeli) fir-reġjun Taljan Le Marche, fid-29 ta' Marzu tal-1827. Kien ir-raba' wild mill-ħamsa li kellhom Tommaso Fontana u Teresa mwielda Barbarossa. Nannuh Luigi u missieru kienu t-tnejn arkitetti magħrufa sew. Fl-awtobiografija qasira tiegħu[19] Luigi stqarr li l-ewwel ġibda għall-arti ħassha ta' 10 snin. Sena wara ommu ħaditu l-Liceo ta' Macerata fejn studja l-arkitettura u l-arti tad-disinn taħt il-Professur Gaetano Ferri minn Bologna. Hawnhekk huwa qatta' tliet snin fejn kull sena rebaħ l-aħjar premijiet fil-kompetizzjonijiet ta' bejn l-istudenti.

Ta' ħmistax-il sena Luigi beda jaħdem bħala alliev mal-pittur, skultur, litografu u kopista Gaetano Palmaroli li kien qiegħed jaħdem fil-belt ta' Fermo. Hawnhekk Luiġi kompla żviluppa l-interess tiegħu fil-pittura u telaq l-arkitettura sabiex jirfina fid-disinn u l-kulur. Palmaroli u Fontana kienu jaqblu ħafna iżda matul iż-żmien li damu flimkien Fontana sema' ħafna dwar dak li kien qed jiġri fil-qasam tal-arti f' Ruma u speċjalment dwar l-imgħallem ta' Palmaroli, Tommaso Minardi. Għahlekk ma setax jonqos li l-ambizzjoni naturali tiegħu ħajritu biex jmur Ruma għand l-imgħallem tal-imgħallem![20] Fontana maż-żmien spiċċa bħala wieħed mill-allievi li l-aktar li ħadmu mill-qrib ta' Minardi u artistikament, il-werriet ewlieni tiegħu.

F'Ruma, Fontana studja fl-akkademja tal-Arti San Luca, fejn Minardi kien ukoll

Professur tad-disinn. Wara l-ewwel sena hu rnexxielu jiġi l-ewwel f'kompetizzjoni tal-pittura u oħra tal-immudellar bit-tafal għall-istudenti tat-tielet sena, u għall-figura sħiħa u mhux ras biss kif kien mistenni minnu. Wara dan is-suċċess, kellu jieqaf ħesrem f'nofs l-istudji tiegħu peress li marad bit-tifu u kellu jmur lura f'dar ommu fejn qatta' tliet snin jirkupra.


Luigi Fontana

Wara it-taqlib politiku ta' 1848/49 u hekk kif kien qata' qalbu li jkompli jistudja Ruma, Fontana rċieva stedina mingħand Minardi li riedu jmur lura Ruma jaħdem miegħu. Dan żammu joqgħod għandu bla ħlas u jaħdem miegħu fl-istudju li kellu fil-Palazz Colonna. Dan kien arranġament komuni ħafna fil-bottegi artistiċi ta' dak iż-żmien. Minardi gawda sa mewtu mit-talent ta' Fontana għaliex dan ta' aħħar baqa' jpitter ħafna mix-xogħlijiet fuq disinn ta' Minardi.

Kien ukoll maħtur Kavallier u Kommendatur tal-Kuruna Taljana. Luigi għex Ruma sal-1896 meta ta' 70 sena rtira mix-xogħol u mar lura lejn raħal twelidu fejn miet ta' 81 sena fis-27 ta' Diċembru 1908. Huwa jinsab midfun fiċ-Cimiterju tal-post fil-qabar tal-familja mżejjen bl-Anġlu tal-Qawmien. Baqa' magħruf bħala artist neoklassiku permezz ta' xogħlijiet tiegħu madwar l-Italja kollha, fl-iskultura, fil-pittura, fuq it-tila biż-żejt u t-tempera, arkitett u anke bħala restawratur.

Il-ġurnal uffiċjali tal-Vatikan l-"Osservatore Romano" nhar il-21 ta' Lulju 1863 irrapporta hekk: "Ħaż-Żebbuġ raħal fil-gżira ta' Malta ordna statwa tal-fidda tal-qaddis San Filippu t'Agira mingħand Luigi Fontana, skultur u pittur magħruf". Fontana, bħal Minardi kien midħla sew tal-kardinali u tal-papiet Piju IX u Iljun XIII. Bis-saħħa ta' dawn il-konnessjonijiet, li l-istatwa ta' San Filep żaret il-Vatikan u tbierket mill-Papa Piju IX qabel qabdet it-triq lejn Ħaż-Żebbuġ.

## Il-kuntatt ta' Fontana ma' Malta

Minbarra din l-istatwa Fontana tqabbad jagħmel xi xogħlijiet oħra hawn Malta. Fost dawn insibu l-pittura tal-Madonna bil-Ġilju li tinsab fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti, originarjament attribwita lil Minardi u datata 1862[21]. Għalkemm din għandha il-firma u t-timbru ta' Minardi u nxtrat mill-bottega ta' Minardi, din pittirha Fontana x'aktarx fuq disinn ta' Minardi. Dan kien arranġament bejn Minardi u artisti oħrajn bħal Fontana meta tal-ewwel kien kiber fl-età[22]. Hemm ukoll id-disinn tal-kapitelli tas-salib tal-fidda li jitqiegħed fuq l-artal maġġur tal-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ fil-festa ta' San Filep. Mhux ċert kif beda l-kuntatt ma' Fontana. Però fl-1858 il-Kapitlu tal-Katidral tal-Imdina


Tommaso Minardi

kien qiegħed ifittex artist biex jesegwixxi l-pittura tal-koppla wara it-terrimot tal-1856[23]. Dawn ħatru lil Minardi biex jiġġudika d-disinni imressqa mill-artisti ta' dak iż-żmien. Emmanuele Cortis l-istess aġent taż-Żebbuġin f'Ruma, fl-1858 insibuh f'kuntatt ma' Minardi dwar dan ix-xogħol fl-Imdina. Il-Kanonku Pawlu Pulliċino li kien parti mill-Kapitlu tal-Imdina u li vvjaġġa ħafna fl-Ewropa kellu korrispondenza ma' Overbeck fuq it-tagħlim tal-arti u tal-istorja fit-taħriġ tal-għalliema. Diversi pitturi Maltin tħarrġu taħt Minardi[24] u għalhekk il-konnessjoni miegħu setgħet ġiet minn kemm il-persuna. Minn naħa tiegħu Overbeck għamel id-disinn tal-erba' evanġelisti li jintramaw fuq l-artal maġġur tal-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ fil-festa ta' San Filep.


Johann Friedrich Overbeck

## Il-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju IX

Twieled fis-Senigallia, fl-Istati tal-Papa, fit-13 ta' Mejju 1792. Kien ir-raba' wild tal-Konti Girolamo Mastai-Ferretti u l-Kontessa Caterina Solazzi li semmewh Giovanni Maria Mastai-Ferretti. Fl-10 t'April 1819 kien ordnat saċerdot u mill-ewwel beda jaħdem bħala rettur tal-'Istituto Tata Giovanni' f'Ruma. Ma damx ma kien appuntat direttur spiritwali tal-Papa Piju VII. Mill-1823 sal-1825 ħadem bħala awditur tad-Delegat Appostoliku fiċ-Ċili u fil-Peru. Lura Ruma fl-1825 il-Papa Ljun XII ħatru kap tal-Isptar San Mikiel ta' Ruma u kanonku tal-Knisja Santa Marija f'Via Lata[25]. Fil-21 ta' Mejju 1827 inħatar Arċisqof ta' Spoleto. Baqa' magħruf għall-mod effiċjenti kif organizza ħidma kbira biex tingħata għajnuna lill-vittmi ta' terremot. Fi Frar 1832 il-Papa Girgor XVI bagħtu fid-djoċesi importanti ta' Imola u f'Diċembru 1840 ħatru Kardinal-Qassis ta' San Piero u San Marċellino. Bħala Arċisqof kien jisħaq ħafna fuq il-formazzjoni tas-seminaristi, kien iħobb iżur il-ħabsin u jorganizza tagħlim għat-tfal li kienu jiġġerrew fit-toroq.

Meta wara fl-1846 miet il-Papa Gregorju XVI fl-Italja kien hemm ħafna nkwiet politiku u ġlied intern. Minħabba f'hekk minn tnejn u sittin kardinal marru biss sitta u erbgħin għall-konklavi li minnu kien elett Giovanni Maria Mastai-Ferretti li ħa l-isem ta' Papa Piju IX, fis-16 ta' Ġunju. Kien għad għandu 54 sena u dam jirrenja tnejn u tletin sena – l-itwal papat wara dak ta' San Pietru. Il-fama ta' liberali li kellu għenitu biex malajr isir popolari mal-mexxejja Ewropej. Għalkemm ftit kellu esperjenza diplomatika malajr sar l-aktar persuna maħbuba fid-dinja. Saħansitra l-Protestanti Ingliżi kienu ferħulu bħala 'ħabib id-dawl, progressiv, ħellies u riformatur tal-Ewropa'. Matul ħajtu bena rekord ta' ġenerożità anke lejn dawk li kienu anti-klerikali. Bħala Papa, it-tmexxija tiegħu kienet progressiva, intelletwali, ħanina u miftuħa għal kulħadd waqt li rsista għad-dritt tal-Knisja Kattolika li teżerċita bil-libertà u xxandar it-tagħlim reliġjuż fir-Russja u fil-pajjiżi tal-Imperu Musulman.

Fid-29 ta' Ġunju 1869 ħareġ il-boll AEterni Patris li bih ikkonvoka l-ewwel Konċilju Vatikan li fit-8 ta' Diċembru ta' dik is-sena laqqa' seba' mitt isqof. Dan il-konċilju ddikjara l-Infallibilità tal-Papa u kkundanna l-materjaliżmu u l-ateiżmu. Piju IX bena fama bħala Papa Marjan għax ħadem biex tikber id-devozzjoni lejn il-Verġni Mbierka Marija. Dan spikka fl-enċiklika tiegħu 'Ubi Primum' fis-sena 1848 fejn saħaq li Marija hija l-'medjatriċi fis-salvazzjoni tal-bniedem' u spikka iżjed meta fit-8 ta' Diċembru 1854 ddikjara d-Domma

tal-Immakulata Konċezzjoni. Miet fis-7 ta' Frar 1878 u ndifen fil-knisja ta' San Lawrenz f'Ruma. Fil-11 ta' Frar 1907 beda l-proċess djoċesan tal-beatifikazzjoni tiegħu u kien dikjarat beatu fit-3 ta' Settembru 2000.


Il-Papa Piju IX

Piju IX ċċelebra diversi ġublewijiet, fosthom it-300 anniversarju tal-Konċilju ta' Trento u l-1800 anniversarju tal-martirju ta' San Pietru u San Pawl fid-29 ta' Ġunju 1867 meta kienu ħadu sehem 512-il isqof, mal-20,000 saċerdoti u lajċi tal-Parroċċi ta' Ruma. Fl-1871 tfakkar il-25 sena tal-pontifikat tiegħu. Iddikjara l-1875 bħala Sena Mqaddsa għall-Knisja Kattolika mad-dinja kollha. Fl-1877 meta ċċelebra l-50 sena minn meta kien ikkonsagrat isqof żaruh bosta pellegrini minn madwar id-dinja matul iż-żmien allokat għalhekk[26]. Huwa ħatar 122 kardinal[27], ħareġ 33 enċiklika, approva 74 Kongregazzjoni Reliġjuża għan-nisa u fi Franza biss waqqaf 200 djoċesi.

Matul il-pontifikat tiegħu ra ħafna taqlib u nkwiet. Kien l-aħħar Papa li kien ukoll jirrenja bħala s-Sultan tal-Istati Papali li iżda sal-1870 kienu waqgħu kollha f'idejn l-armata ta' Vittorio Emanuele I, li sa mill-1849 kien ifforma l-istat ġdid tal-Italja, b'Ruma bħala l-belt kapitali. Dan wassal biex il-Papa reħa minn idejh il-funzjoni ta' Re temporali u reġa' beda jikkonċentra fuq ir-rwol reliġjuż u spiritwali. Dan sar kontra x-xewqa ta' Piju IX tant li mill-1871 sa ma miet huwa ddikjara ruħu bħala priġunier tal-mexxejja Taljani u ngħalaq fil-Vatikan bħala protesta kontra l-anti-klerikaliżmu li kien hemm fix-xena politika Taljana. Dan il-Papa baqa' msemmi għall-episodju meta f'Jannar 1878 infurmawh li r-Re tal-Italja Emanuele II kien f'xifer il-mewt, il-Papa neħħielu l-iskomunika u l-pieni marbuta magħha. Xahar biss wara, fis-7 ta' Frar 1878, miet Piju IX b'attakk tal-qalb fl-età ta' 85 sena.

Hawn Malta l-Papa Piju IX kien popolari sewwa l-aktar minħabba l-impenn tiegħu fit-tixrid tad-devozzjoni Marjana. Għalhekk meta fit-13 ta' Lulju 1863 l-istatwa tal-fidda ta' San Filep ittieħdet fil-Vatikan għall-wiri u l-Papa berikha, iż-Żebbuġin ħassewhom onorati bil-kbir. Fis-sala tal-viżitaturi mlibbsa bid-damask aħdar, il-Papa bierek l-istatwa u għaniha b'mitt jum indulġenza – xi ħaġa unika għal din l-istatwa ta' San Filep. Skont il-ġurnal 'L'Ordine' l-Papa 'baqa' mistagħġeb bix-xogħol sabiħ u perfett tagħha.'

## L-Istatwa ta' San Filep

Luigi kien għad għandu tlieta u tletin sena meta tqabbad jagħmel l-istatwa ta' San Filep. Wara li sar il-ftehim u minkejja l-għajnuna u s-sorveljanza esperta ta' Overbech u Minardi u l-interventi tal-aġent Cortis jidher li t-triq sakemm tlestiet l-istatwa kien fiha diffikultajiet mhux mistennija. F'korrispondenza tat-30 ta' Mejju 1862 ma' Fontana, Dun Salv Trevisan jgħidlu: "Iż-Żebbuġin tant kienu u għadhom s'issa konvinti *(li x-xogħol tagħmlu inti)*, li filwaqt li jinsabu ddispjaċuti għal dak is-saram li nqalalek[28], saħansitra għamlulek il-quddies sabiex teħles minnu u sabiex tinżel Ruma u tkun tista' tibda twettaq dak li wegħedthom".[29] Ninnutaw minn dan li sa dakinhar Fontana kien għadu ma bediex jaħdem fuq l-istatwa. Aktar minn hekk jidher li Luigi kien bħallikieku reġa' bdielu milli jagħmel din l-istatwa. Jidher ukoll

li kien hemm min kien qed jopponi li ssir l-istatwa u li dawn kienu qed jippruvaw jaqtgħu qalb l-iskultur. It-tħeġġiġ ta' Trevisan imma kellu l-effett mixtieq u Fontana midd għonqu għax-xogħol. X'aktarx li kemm dam f'Montesanpietrangeli ħadem fuq id-disinn. F'dan iż-żmien Fontana ried jaf ir-raġuni għaliex iż-Żebbuġin riedu din l-istatwa. Meta qalulu li biex darba fis-sena tinħareġ proċessjonalment iddur mat-toroq tar-raħal, iddeċieda li jaħdem figura ta' "*qaddis jimxi u jbierek*"[30]. Ix-xogħol propju tal-istatwa kellu jsir f'Ruma. Wara li saret korrezzjoni, is-salib twal fl-abbozz, kif suġġerit minn Overbeck. Fis-7 ta' Marzu 1863 saru ħlasijiet lil Fontana għax-xogħol li kien qed jagħmel u għall-ispejjes tax-xiri tal-fidda u spejjes oħra. Meta wasal għax-xogħol delikat tar-ras insibu li Minardi u Overbeck "approvaw ir-ras wara li kienet saret għat-tielet darba". Jidher li l-istatwa tlestiet lejn tmiem Ġunju jew il-bidu ta' Lulju 1863, u fit-3 ta' Lulju, Fontana rċieva l-aħħar ħlas. Hawn l-iskultur wera x-xewqa li din l-istatwa li fiha kien wera x'jaf, tittieħed għal wiri fil-Vatikan. Il-mexxejja Żebbuġin laqgħu bil-ferħa din ix-xewqa minkejja li kienu ferm anzjużi li jarawha. Naturalment xtaq jagħmel dan għax kien kburi biha u kien ċert li se tgħollilu l-prestiġju. U hekk kien għax il-bosta nies magħrufa u artisti li marru jarawha, ammiraw l-istatwa u faħħru l-iskultur tagħha.



Fontana li kien pittur aktar milli skultur, irnexxielu jirrifletti l-element reali jew naturali permezz tal-panneġġjar, tat-trufijiet prominenti u tal-moviment. Dawn l-elementi stilistiċi, puristi jew rinaxximentali nsibuhom ikellmuna fl-istatwa ta' San Filep. Il-mixja dinjituża u naturali, waqt li San Filep ibierek il-poplu u l-paramenti sagri jkomplu ma' dan il-moviment. It-truf tagħhom isaffu l-istatwa minn kull tiżjin żejjed u jħallu effett qawwi fuq il-bqija tal-immaġinazzjoni waqt li s-saffi tad-drapp joqtlu l-kesħa tal-fidda. Ir-ras u l-idejn, jesprimu ir-realtà tal-qawwa kbira ta' dan il-qaddis 'terror demonum' u evanġelizzatur. L-istatwa m' għandhiex dik ix-xeħta teatrali li tant insibuha fil-barokk.[31] Dan huwa il-puriżmu fl-aqwa tiegħu. Hija statwa meqjusa bħala patrimonju nazzjonali. Ir-riżultat ġibed l-ammirazzjoni ta' kull min rah, kemm fost l-artisti u kemm qalb il-popolin, kemm f'Ruma kif ukoll f'Malta.

Wara li tqegħdet għall-wiri fil-Vatikan fejn il-Papa Piju IX berikha u għanieha b'indulġenza ta' 100 jum, l-istatwa waslet Malta fid-29 ta' Lulju 1863 fuq il-vapur franċiż MV Aunis. Magħha ġie l-iskultur li ngħata merħba kbira miż-Żebbuġin. Huwa ħa ħsieb jgħaqqad l-istatwa; biċċa xogħol li saret fil-kappella tal-Kunċizzjoni fit-tarf ta' Ħaż-Żebbuġ. Minn hemm ittieħdet fil-kappella tal-Madonna tal-Anġli fejn kienet esposta għall-pubbliku mit-



2 t'Awwissu 1863 sal-ewwel jum tat-tridu fit-8 ta' Mejju 1864 meta l-istatwa ttieħdet fil-knisja Arċipretali. Iż-Żebbuġin urew is-sodisfazzjon kbir tagħhom billi stednuh f'darhom u ngħata bosta rigali. Il-ġmiel tal-istatwa kien jisboq l-aspettattiva ta' dawk li xtaquha u tant kien kbir l-entużjażmu li qajjmet fost iż-Żebbuġin li Fontana baqa' jsemmi sakemm miet il-laqgħa sabiħa li tawh.

Mal-ammirazzjoni tal-poplu Żebbuġi żdiedu kitbiet ta' tifħir għal dan il-kapulavur artistiku. Dun Salv Caruana jikkwota lil dawn fost oħrajn[32]:

- Dr Nikola Zammit, fir-rivista "L'Arte: Quddiem din l-istatwa wieħed għandu jinsa kull spejjeż u jammira s-sbuħija li tista' toħroġ mill-arti. Is-sagrifiċċji kbar taż-Żebbuġin tassew taw il-frott tagħhom. L-istatwa tal-fidda hi xogħol perfett li tħallik imsaħħar wara s-sbuħija li taf issawwar l-Arti u ma tħallikx tagħti każ tal-ispejjeż li saru. Ebda artist ma kien jirnexxilu joħlom statwa iżjed perfetta u mistika biex juri wieħed mix-xandara tal-antik. L-Istatwa ma jixirqilhiex ħarsa ħafifa, ħafifa. L-Istatwa għandha dehra maestuża, qawwa ta' għemil, bixra li timpressjona. Kollox juri l-Istorja tal-qaddis, fi kliem ieħor poeżija minn kull fejn tħares".
- Antonio Espinosa, kritiku tal-Arti, "L-istatwa tal-fidda ta' San Filep hija opra li tistħoqqilha attenzjoni minħabba l-kwalitajiet artistiċi li għandha u l-fatt li hija unika fil-ġeneru tagħha f'Malta. L-istatwa tirrappreżenta lil San Filep bilwieqfa liebes il-paramenti sagri, qed jagħti l-barka tiegħu lill-fidili waqt li fl-istess ħin jgħaffeġ serp mal-art b'tarf ta' baklu għamla ta' salib. Għalkemm vigoruża, mimlija ħajja u movimenti, din il-figura virili hija mneżżgħa minn dawk l-eċċessi teatrali u psewdo-barokki, karatteristiċi ta' bosta vari Maltin".
- Mons Pawl Pullicino, "Fontana artist li għalkemm żgħir fiż-żmien, f'din l-istatwa wera kobor artistiku".
- Achille Ferris, "L-istatwa ta' San Filep hi kolossali, din maħduma Ruma minn Luigi Fontana tisboq kull tifħir".
- Pietru Pawl Castagna, " l-istatwa ta' San Filep hija opra famuża tal-fidda".
- Dun Salv Ciappara, "din l-Istatwa swiet ħafna imma hi kapulavur. Il-panneġġi, jiġifieri l-ilbies, huma l-iżjed naturali, il-wiċċ hu divin".
- Il-Kavallier Tommaso Minardi wara li faħħar il-qalb tajba taż-Żebbuġin fir-rigali li taw lil Fontana qal li "kull rigal hu żgħir quddiem il-kobor tax-xogħol ta' Fontana."
- Il-ġurnal "L'Ordine" kiteb fuq kemm il-Papa Piju IX baqa' mistagħġeb bix-xogħol sabiħ u perfett tagħha u kemm ammirawha n-nies li marru jarawha meta kienet esposta fil-librerija pubblika ta' Ruma.

- L-"Osservatore Romano" - il-ġurnal uffiċjali tal-Vatikan - "Il-ħsieb li lilu l-artist tah il-ħajja hu sabiħ u imponenti. Id-disinn, l-aktar ir-ras, hu nobbli u bi ħsieb, ix-xogħol hu milqut".

Iż-Żebbuġin ta' mija u ħamsin sena ilu, immexxija mill-parroċċa ta' San Filep ma qagħdux iqisu s-sagrifiċċji li kellhom jagħmlu minħabba n-nefqa kbira li kellhom jidħlu għaliha. Raw biss il-kisba ta' opra li għadha ssaħħar lil min jaraha bi sbuħitha. Il-ġrajja tal-ħidma għal din l-istatwa hija waħda li tagħmel unur lil Ħaż-Żebbuġ u lil Malta għax dan il-kapulavur artistiku huwa partimonju nazzjonali, wirt li ħallewlna missirijietna. Aħna fid-dmir li ngħożżuha u nieħdu ħsiebha din l-Istatwa. M'għandniex inħarsu biss lejn il-qawwa tal-arti u l-lussu li fih hija magħmula. Lanqas m'għandna nieqfu fuq il-festi kommemorattivi li nistgħu norganizzaw. Imma għandna nilmħu fiha l-figura tal-qaddis Filippu, missier iż-Żebbuġin tal-bieraħ, tal-lum u t'għada, San Filippu li kien u għadu jwettaq l-imħabba nisranija bil-ħidma tiegħu, biex infittxu li nimitawh.

**Ħajr:**
Dr Philip Sciortino li pprovdieli bijografija tal-Papa Piju IX;
Dr Godfrey Farrugia, Tarcisio Mifsud u Philip Balzan tal-għajnuna u nkoraġġiment.

**Biblijografija:**

Esito Lampade – Festa ta' San Filep 1863
Esito per la statua di San Filippo
Storia del Zebbug e la sua Parrocchia, Sac Salv Ciappara, 1882
Storja ta' Ħaż-Żebbuġ, Luret Vella, maħruġ minn Mons Lawrenz Cachia,1986 (p85-89)
Statwa tal-Fidda ta' San Filep t'Aġġira, Dun Salv Caruana,1988
Rivista Annwali tal-Għaqda Każin Banda San Filep, 1988 (p19-21)
Il-Festi Tagħna, Charles Coleiro, PIN Publications, 2003 (p143)
L-Atti tas-Simposju Luigi Fontana – 100 sena minn mewtu, editur Philip Balzan, 2008

**Referenzi**

[1] Salv Ciappara Rev, Storia del Zebbug e sua Parrocchia, 1882, p92.
[2] Ibid, p92.
[3] Il-Kavallier Professur Johann Friedrich Overbeck (3/7/1789 – 12/11/1869) twieled Lubeck fil-Ġermanja, tħarreġ f'pajjiżu u fi Vjenna u qatta' l-aħħar disa u ħamsin sena ta' ħajtu f'Ruma jaħdem bħala pittur. L-erba' statwi tal-Evanġelisti tal-fidda li jintramaw fuq l-artal maġġur tal-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ għall-festa ta' San Filep huma disinn ta' Overbeck. Tommaso Minardi (4/12/1787 – 12/1/1871) twieled Faenza u ħadem bħala pittur u kittieb tal-arti l-aktar f'Perugia u Ruma fejn tħarreġ miegħu Fontana. Tommaso iddomina l-arti tal-pittura reliġjuża ġewwa Ruma, għal kważi nofs seklu mill-1825 sa mewtu fl-1871, waqt il-perjodu tar-Risorġimento. Huwa mhux biss kien artist u għalliem iżda kien ukoll qrib ħafna ta' personaggi influwenti fosthom il-Papa Piju IX. Saħansitra kien l-artist uffiċjali tal-Papa u kien jieħu bosta kummissjonijiet tal-arti mill-knisja fl-Italja.(Ara E. Ovidi, Tommaso Minardi e la sua scuola, Roma 1902.)
[4] Ibid, p92.
[5] Salv Caruana Rev, L-Istatwa tal-Fidda ta' San Filep T'Aġġira,1988, p12.
[6] Ktieb tal-Istatwa, p193.
[7] Salv Caruana Rev, L-Istatwa tal-Fidda ta' San Filep T'Aġġira,1988, p11.
[8] Il-flus huma 4 Liri sterlini, 0 xelini u 11 il sold. Lira kien fiha għoxrin xelin, u xelin kien jiswa tnax-il sold.
[9] Blue Book for the Year 1863, p196
[10] Dan magħmul mis-salarju annwali li fl-2013 huwa €11,338.16 u l-bonus statutorju ta' €512.60, għal total ta' €11,850.76.
[11] Aktar preċis €560,179.
[12] Dawn jinkludu l-aġent E.Cortis f'Ruma, d-deputati li taw garanziji ta' flus u ma jistax jonqos is-Sindku Mifsud, l-Arċipriet u l-kleru ta' Ħaż-Żebbuġ kif ukoll is-Soċjetà tal-Banda San Filep.
[13] Salv Ciappara Rev, Storia del Zebbug e sua Parrocchia, 1882, p92.
[14] Salv Caruana Rev, L-Istatwa tal-Fidda ta' San Filep T'Aġġira,1988, p12.

15 Ibid, p92-3.

16 Dan l-apparat jikkonsisti f'sett ta' seba' kapep, pjaneta u żewġ tuniċelli imbokkati fuq sfond isfar. Sar fl-1838, sewa 4000 skud u kien inkarigat Dun Salv Trevisan. Dawn l-abiti sagri tlestew fi żmien il-prokuratur Dun Filippu Grima.

17 Li llum issarraf €59,250 bil-kalkoli msemmija qabel.

18 Salv Caruana Rev, L-Istatwa tal-Fidda ta' San Filep T'Aġġira,1988, p37.

19 Roux, O. Illustri Italiani di Oggi, dizzjunarju dwar artisti tal- epoka

20 Ferriani, D. Palmaroli, pittore di Macerata pg 281 1994.

21 Kommunikazzjoni personali: Marisa Calisti April 2008.

22 Informazzjoni direttament mingħand Dott. Marisa Calisti ibbażata fuq riċerka fl-arkivji tal Familja Fontana fejn instabet irċevuta ta' Fontana għal dan ix-xogħol li wettaq f'isem Minardi.

23 The Painting of the Cathedral Dome at Mdina. Antonio Espinosa Rodriguez. Proceedings of the History week 1986 The Malta Historical Society.

24 Pietru Pawl Caruana (1794 – 1852) pitter it –titular ta' Bormla fl-1828 fost l-ewwel Maltin li studjaw taħt Minardi ; Bonnici Giuseppe 1835-1900; Caruana Raffaele 1820-1886; Falzon Antonio 1805-1865; Cortis Carlo Ignazio 1826-1900.

25 Din it-triq f'Ruma llum jisimha Via del Corso. Jintqal, għalkemm mhux ippruvat, li San Pawl għex għal sentejn fil-kripta ta' taħt din il-knisja, arrestat sakemm dam jistenna li jittella' l-qorti.

26 Bejn it-30 t'April u l-15 ta' Ġunju 1877.

27 Inkluż il-Kardinal Vincenzo Pecci li kellu jkun is-suċċessur tiegħu bħala l-Papa Leo XIII.

28 Fontana kien ħalla Ruma u mar lura d-dar minħabba li missieru kien marid sewwa.

29 Atti tas-Simposju Luigi Fontana, 100 sena minn mewtu, editur Philip Balzan,2008, append. I, p41-2.

30 Salv Caruana Rev, L-Istatwa tal-Fidda ta' San Filep T'Aġġira,1988, p16.

31 Antonio Espinosa Rodriguez, kkwotat minn Dun Salv Caruana, L-Istatwa tal-Fidda ta' San Filep 1988, p 23.

32 Dun Salv Caruana, L-Istatwa tal-Fidda ta' San Filep T'Aġġira,1988.

